# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 23**

3 t'Awwissu 2020

It-tlieta u għoxrin (23) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 3 t'Awwissu 2020 fis-2pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Floriana, 15, Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Kevin Borg Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 23.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

23.1.1. Is-Sindku ressqet ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku GD li nformat li ma setgħetx tattendi minħabba raġunijiet ta' safar. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi skużata.

### 23.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

23.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tnejn u għoxrin (22) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

23.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 22.5.12 li għandha taqra "Triq San Tumas kantuniera ma' Triq l-Imħażen". Il-Kunsill qabel.

23.2.3. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, VB, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (JP)

23.2.4. Il-Kunsilliera JP informat li kienet qed tastjeni minħabba li ma kienitx preżenti għall-aħħar laqgħa.

23.2.5. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 22.8.5 rigward Ġnien il-Mall. Huwa propona li quddiem il-monument ta' Ugo Mifsud jitħalla passaġġ mill-grada sal-monument biex ikun iktar aċċessibli għal meta jitqegħdu xi bukketti ta' fjuri, eċċ. Is-Sindku qalet li jista' jkun li jkun hemm xi tibdil u li l-Kunsill għandu jiċċekkja mal-pjanti ta' kif ser jiġi l-ġnien, li kienu ġew iċċirkolati permezz ta' email.

23.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 22.2.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq is-sleeping policeman ta' Triq San Publju. Is-Sindku qalet li kienet bagħtet tfakkira lill-Infrastructure Malta.

23.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 22.3.2.4 rigward l-app tal-Kunsill. Huwa nforma lill-Kunsill li l-app kienet ġiet aġġornata bil-link għall-isky cams kif propost fil-laqgħa preċedenti. Huwa nforma li l-app kienet issa tinstab fuq il-Google Play Store iżda jidher li kien hemm xi problemi ta' kompattibiltà u għandu jitkellem mal-iżviluppatur sabiex dawn jitranġaw.

23.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 22.5.6 u staqsa jekk kienitx intalbet laqgħa mal-awtoritajiet konċernati. Is-Sindku qalet li wara li tkellmet magħhom kienu proponew l-14 t'Awwissu filgħodu. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja magħhom jekk jistgħux ġurnata oħra.

23.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 22.5.8 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-pots ta' ħdejn il-Knisja. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mal-kuntrattur u għandu jara x'jista' jiżra. Il-Kunsillier JAE qal li idealment dak li jinżera jkun tajjeb għas-sena kollha u mhux biss staġjonali.

## 23.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SIDNKU

23.3.1. Is-Sindku DSH ressqet talba minn residenti sabiex tinqala' l-isleeping policeman li hemm fi Triq San Publju u minflok titpoġġa fi Triq San Tumas. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-isleeping policeman ta' Triq San Publju titħalla iżda tiwaħħal oħra fi Triq San Tumas wara li jiġi kkonsultat l-Arċipriet minħabba l-ark.

23.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Citadel Home Insurance fejn talbu lill-Kunsill joffrilhom is-sala sabiex ikunu jistgħu jorganizzaw xi laqgħat ta' diskussjoni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

23.3.3. Is-Sindku DSH proponiet li ssir fumigazzjoni taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u ta' fejn ipoġġu n-nies fi Ġnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill qabel.

23.3.4. Is-SE informa lill-Kunsill li l-contracts manager kien iffirma l-kuntratt iżda sa dakinhar kien għadu qatt ma ġie fuq il-post. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu u jekk ma jkunx hemm progress, għandha tinħareġ default notice.

23.3.5. Is-SE nforma lill-Kunsill li kien hemm problema fuq it-tbattil tal-iskart. Huwa qal li għandu jinforma lis-Sindku sabiex din tiġi diskussa mill-Kunsill.

23.3.6. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Esprimi fejn talbu lill-Kunsill joffrilhom il-PA u xi siġġijiet biex jorganizzaw diskors fi Ġnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill ma qabilx iżda qabel li għandu jtihom permess jorganizzaw l-attività bil-kundizzjoni li l-attività tkun organizzata skont il-parametri maħruġa mis-Supretendent tas-Saħħa in kwantu tal-iżviluppi tal-Covid.

23.3.7. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-organizzaturi tal-Malta Marathon fejn talbu no objection biex itellgħu l-edizzjoni li jmiss. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li din tista' tigi rtirata jekk ikun hemm xi żviluppi ġodda fir-rigward tal-pandemija.

**Nota: 14:27 Il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa.**
**14:35 Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.**
**14:35 Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti l-materja nru 23.14.**

## 23.14 FINANCIAL STATEMENTS

23.14.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB favur l-approvazzjoni tar-rapport tat-tieni kwart, issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 4 (VB, JP, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

23.14.2 Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jiltaqa' mal-kreditur MTA sabiex tiġi riveduta l-invoice maħruġa lilhom fir-rigward tal-oġġezzjoni tagħhom.

## 23.4 RAPPORTI

23.4.1. Il-Kunsillier VB informa lill-Kunsill li kien iltaqa' ma' min ser jagħmel ix-sheltet ta' maġenb il-Floriana Health Centre fejn iddiskutew kif ser isir. Huwa nforma li ser ikun hemm platform li għandha tokkupa spazju ta' parkeġġ wieħed. Huwa qal ukoll li l-kuntrattur għandu jieħu ħsieb il-permessi neċessarji hu.

23.4.2. Il-Kunsillier VB informa li kellu laqgħa dwar il-community policing li għaliha attendew il-Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa nforma li fiż-żona tal-Floriana kien ser ikun hemm ħames Pulizija. Żied jgħid ukoll li l-prijorità mhux ser ikun l-infurzar iżda l-edukazzjoni u l-ġbid tal-attenzjoni tan-nuqqasijiet tan-nies, eċċ.

## 23.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

23.5.1. Il-Kunsillier JAE qal li kien ġie avviċinat minn xi residenti li rraportaw li fi Triq il-Miratur kien hemm xi xufiera li jħallu l-vetturi tagħhom startjati bil-konsegwenza li l-exhaust jidħlilhom ġewwa fir-residenzi tagħhom. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-LESA jew mal-Pulizija sabiex jara x'jista' jsir.

23.5.2. Il-Kunsillier JAE ressaq ilmenti li fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kien qed isir tipjip ta' sustanzi illegali. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-Pulizija u jitlob li tiżdied ir-ronda.

23.5.2.1. Il-Kunsillier JAE propona li l-Kunsill jiltaqa' mal-Pulizija dwar dan. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jiffissa laqgħa.

23.5.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-ħsara li kien hemm fil-funtana ta' Ġnien Sir Luigi Preziosi u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Sindku nformat li ma kienitx qed taħdem il-pompa iżda din issa kienet tranġat.

23.5.4. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienux ser jeġġħu jinħaslu xi toroq fil-lokalità u jekk kienx hemm lista t-toroq li ser jinħaslu. Is-Sindku qalet li t-toroq kienu għadhom kif inħaslu u jmisshom jerġgħu jinħaslu lejn Settembru.

23.5.5. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi korrispondenza dwar il-green wardens fil-lokalità. Is-Sindku qalet li l-LESA kienu nformaw li ma kellhomx green wardens.

23.5.5.1. Is-Sindku qalet ukoll li kienet kitbet lill-ERA dwar il-wegħdiet li kienu għamlu meta ntroduċew il-borża l-bajda u li sfortunatament qatt ma nżammu.

23.5.5.2. Is-Sindku żiedet tgħid li hi minn dejjem kienet xettika dwar dan minħabba li tħoss li jekk ma jkunx hemm infurzar tajjeb, kien ser jibqa' jsir l-abbuż.

23.5.5.3. Is-Sindku qalet li kienet se tkellem lil-LESA u lill-Pulizija biex tara jekk jistgħux joffru xi servizz f'dan ir-rigward, li sfortunatament ser ikun a spiża tal-Kunsill minkejja l-wegħdiet li kienu saru. Il-Kunsill qabel.

23.5.6. Il-Kunsillier VB għamel riferenza dwar il-filming li pjanat li jsir fil-lokalità u staqsa jekk il-Kunsill għandux jinforma lir-residenti fuq Facebook. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma bil-ġurnata li ser isir il-filming.

23.5.7. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-Ġnien il-Mall u qalet li kienet ġiet avviċinata minn residenti li talbu li jsir dawl temporanju sakemm jitlesta x-xogħol. Is-Sindku DSH qalet li kienet diġà għaddiet suġġeriment dwar dan. Hija qalet ukoll li kienet informata li kien ser jibda' x-xogħol fuq il-pavimentar tal-ġnien dalwaqt.

23.5.8. Is-SE għamel riferenza għall-uffiċċju amministrattiv u qal li kien hemm bżonn li jsir xi tibdil fid-dawl u anke fil-layout tal-Kunsill, inkluż li l-kamra tal-customer care tiġi fil-kamra fejn preżentement jinżammu l-laqgħat tal-Kunsill. Semma wkoll il-bżonn li jinbidlu l-air conditioning units li kienu qdiemu u ma kienux għadhom jiffunzjonaw sew. Is-SE semma wkoll li hemm bżonn jitneħħew xi files sabiex isir it-tibdil neċessarju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li jsir dak li hemm bżonn.

## 23.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

23.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 23.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

23.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 14/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

23.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsillier VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

23.7.3. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xhur bejn Mejju u Lulju, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

23.7.3.1. Wara mozzjoni mressqa mill- Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsillier VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 23.8 Proġett KG5

23.8.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti tal-lamp posts kienet għalqet u l-Kunsill kien qed jistenna sabiex l-offerti jiġu evalwati.

23.8.2. Is-Sindku nformat lill-Kunsill b'xi ħsarat li kienu saru minn xi tfal fejn inqala' biċċa mit-tapit tal-bandli u kellu jerġa' jsir.

23.8.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm problema fid-dawl. Is-Sindku nformat li kien twaħħal fustun biex jgħin fid-dawl sakemm isir ix-xogħol neċessarju.

## 23.9 Ġenna ta' Ġonna

23.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-korrispondenza mibgħuta minn uffiċjal tal-Kunsill rigward l-edizzjoni li jmiss tal-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

23.9.2. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jistenna u jara kif se jiżvolġu l-affarijiet fir-rispett tal-pandemija u x'miżuri kienu ser ikunu qed jittieħdu eqreb lejn id-data tal-attività.

## 23.10 Pellegrinagg ta' SAn Publju

23.10.1. Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-pellegrinaġġ kien tħassar iżda jaf issir xi ċelebrazzjoni interna minflok.

## 23.11 Ħasil ta' Bankini

23.11.1. Is-Sindku informat lill-Kunsill li kien sar ħasil ta' bankini f'Lulju u li l-Kunsill għandu jitkellem mal-kuntrattur sabiex isir eżerċizzju ieħor ix-xahar ta' wara.

## 23.12 Toroq Triq il-Mall u Triq San Tumas

23.12.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq il-Mall u fi Triq San Tumas kien komplut u kien jonqos biss il-line markings.

23.12.2. Il-Kunsillier VB qal li t-tarmac fi Triq il-Mall ma kienx sew. Is-Sindku qalet li x-xogħol kien ġie ċċertifikat mill-Perit. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jitlob lill-Perit jiġi fuq il-post sabiex jevalwa u jikkonferma x-xogħol. Is-Sindku qalet li l-Kunsill xorta waħda kien ser iżomm retention ta' persentaġġ f'każ li x-xogħol ma jkunx soddisfaċenti.

## 23.13 Ġieħ il-Floriana

23.13.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li minħabba ċ-ċirkostanzi, l-attività għandha titħassar. Hija proponiet li l-premju Ġieħ il-Floriana għandu jingħata xorta waħda u minflok attività jitpoġġew xi ritratti fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

23.13.2. Il-Kunsill iddiskuta l-loġistika ta' kif ser jingħata l-premju peress li l-Kunsill kien iddeċieda li l-premju jingħata lill-front liners in ġenerali. Is-SE informa li minħabba l-protezzjoni tad-data, il-Kunsill ma setax jingħata lista bid-dettalji tal-front liners. Ġiet diskussa wkoll il-possibiltà li l-front liners ma jkoprux biss il-health care worksers iżda testendi għal nies oħra li wkoll kienu taw sehem kbir matul il-pandemija.

23.13.3. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li jingħata rikonoxximent lill-front liners u minflok, Ġieħ il-Floriana jingħata lill-persuna waħda minħabba d-diffikultà li l-Kunsill kien qed isib sabiex jippreżenta l-premju in viżta tar-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija. Il-Kunsill qabel li għandu jħalli sal-laqgħa li jmiss forsi ċ-ċirkostanzi jkunu differenti.

## 23.14 FINANCIAL STATEMENTS

23.14.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement wara materja nru 23.3.

## 23.15 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

23.15.1. Il-laqgħa intemmet fl-3.40pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 2 ta' Settembru 2020 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum ___________2 ta' Settembru, 2020__________________________**

Davina Sammut Hili
Sindku

Kevin Borg
Deputat Segretarju Eżekuttiv